# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 239/19/2 AF**

**Patrick Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni datata 3 ta' Mejju, 2022 magħmula minn Patrick Spiteri taħt l-**Artikolu 811(e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2022, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza;

**Daħla**

2. B'rikors tas-6 ta' Diċembru, 2019, Patrick Spiteri talab lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha sabiex tħassar żewġ digrieti li għandhom x'jaqsmu ma' bdil fil-kundizzjonijiet marbuta mal-ħelsien mill-arrest tiegħu, mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-30 ta' Settembru, 2019 u fis-7 ta' Novembru, 2019, f'kawża kriminali li hemm għaddejja kontrih. Dan minħabba li skontu dawn id-digrieti ngħataw bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, kif imħarsa bl-**Artikoli 34** u **39** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u bl-**Artikoli 5** u **6** tal-**Konvenzjoni Ewropea**. Minbarra dan, Patrick Spiteri talab ukoll li jiġi ddikjarat li l-**Artikolu 575(4A)** tal-**Kodiċi Kriminali** jikser il-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares bl-**Artikolu 39** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u bl-**Artikolu 6** tal-**Konvenzoni Ewropea**. Bħala rimedju huwa talab it-tħassir ta' dawn iż-żewġ digrieti u kull rimedju ieħor li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jidhrilha u tħoss li huwa xieraq li għandha tagħti;

3. B'digriet tal-25 tal-Ġunju, 2022 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ħalliet lil Patrick Spiteri jressaq xi talbiet oħra. Fihom huwa talab lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li ż-żamma tal-arrest tiegħu b'riħet il-mandat ta' arrest Ewropew u kull kundizzjoni li ġiet imposta fuqu biex jingħata l-ħelsien mill-arrest huma bi ksur tal-**Artikolu 34** tal-**Kostituzzjoni ta'**

**Malta** u tal-**Artikolu 5** tal-**Konvenzoni Ewropea** u li għalhekk dawn id-deċiżjonijiet kollha għandhom jitħassru sabiex jiġi mħares il-jedd tiegħu għal-libertà;

4. Il-konvenuti Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija wieġbu li la t-talbiet oriġinali u lanqas it-talbiet miżjuda ta' Patrick Spiteri ma kellhom jintlaqgħu billi fil-fehma tagħhom ma seħħ ksur tal-ebda wieħed mill-jeddijiet fundamentali msemmija minn Patrick Spiteri;

5. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2021, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabet li Patrick Spiteri ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-**Artikolu 34** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 5** tal-**Konvenzoni Ewropea** meta nżamm arrestat f'Malta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew; u ġarrab ksur ukoll tal-jedd tiegħu għal-libertà tal-moviment taħt it-**tieni Artikolu tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** minħabba li r-restrizzjonijiet imposti fuqu ma sarux bis-saħħa ta' mandat ta' arrest lokali. Bħala rimedju l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ordnat lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirregolaw ruħhom fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza; u sabiex kopja tas-sentenza tidħol fl-atti tal-kawża kriminali li hemm miexja kontra Patrick Spiteri;

6. Kemm Patrick Spiteri u kif ukoll l-Avukat Ġenerali, flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, appellaw minn din is-sentenza quddiem il-Qorti

Kostituzzjonali;

7. B’sentenza tat-30 ta’ Marzu, 2022, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet: (i) illi tiċħad l-appell ta’ Patrick Spiteri; u (ii) tilqa’ l-ewwel u r-raba’ aggravju tal-appell tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, biex b’hekk it-talbiet kollha ta’ Patrick Spiteri ġew miċħuda;

8. Fil-qosor, din il-Qorti b’Imħallfin differenti, sabet li l-arrest ta’ Patrick Spiteri sar fuq is-saħħa ta’ mandat ta’ arrest lokali u mhux fuq is-saħħa ta’ mandat ta’ arrest Ewropew kif qalet il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili. Ingħad fis-sentenza, li dwarha qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni, li l-mandat ta’ arrest li jinsab f’paġna 1124 tal-atti tal-kawża kien tabilħaqq mandat ta’ arrest lokali għaliex inħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta taħt il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05** u kien indirizzat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jarresta lil Patrick Spiteri u jżommu taħt kustodja bil-għan li huwa jiġi mixli b’reati kriminali f’Malta. Minħabba f’hekk din il-Qorti ddikjarat fis-sentenza tagħha li l-arrest tiegħu kien wieħed legali;

9. Fl-istess sentenza, din il-Qorti sabet ukoll li ż-żamma tal-arrest tiegħu u l-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu biex jingħata l-ħelsien mill-arrest, fosthom dawk li huwa ma jsifirx barra minn Malta, kienu validi skont il-liġi minħabba li huwa għamel żmien maħrub minn Malta. B’hekk din il-Qorti sabet li l-arrest u l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ta’

Patrick Spiteri ma kinux bi ksur tal-**Artikolu 34** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta**, tal-**Artikolu 5** tal-**Konvenzoni Ewropea** u tal-**Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**;

10. Issa b'rikors imressaq fit-**3 ta' Mejju, 2022**, Patrick Spiteri qed jgħid li din il-Qorti żbaljat il-liġi u żbaljat ukoll il-fatti. Skont Patrick Spiteri din il-Qorti żbaljat il-liġi għaliex ma ħarsitx lejn il-liġi u l-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea li tipprovdi li l-mandat ta' arrest Ewropew u l-mandat ta' arrest lokali għandhom ikunu żewġ mandati distinti minn xulxin. Dwar dan il-punt, isostni li jekk din il-Qorti kellha problema dwar l-interpretazzjoni ta' liġi tal-Unjoni Ewropea allura hija messha għamlet rinviju lill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mhux taqbad u tiddeċiedi biss fuq il-liġi domestika;

11. Barra minn hekk, Patrick Spiteri saħaq ukoll li din il-Qorti żbaljat il-fatti meta qalet li huwa kien maħrub minn Malta għaliex skontu l-atti tal-kawża juru li huwa kien barra minn Malta minħabba li kien qiegħed jieħu kura medika. Itenni wkoll li huwa kien qiegħed dejjem iżomm lill-prosekuzzjoni u lill-Qorti tal-Maġistrati mgħarrfa b'dan kollu;

12. Għalhekk billi skont Patrick Spiteri seħħ tħaddim ħażin tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u seħħ għarbiel żbaljat tal-fatti skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa

ressaq dan ir-rikors u talab lil din il-Qorti sabiex :

> “*tirrixindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tat-30 ta’ Marzu, 2022 u dan minħabba li hi vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża skont il-liġi, u riferenza lill-Qorti ta’ Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-punti ta’ dritt Ewropew imqajma f’dan ir-rikors”;*

13. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu fil-**25 ta’ Mejju, 2022** u hemmhekk taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex it-talba ta’ ritrattazzjoni mressqa minn Patrick Spiteri jmissha tiġi miċħuda;

14. Inżamm smigħ fil-**11 ta’ Ottubru, 2022** u wara li din il-Qorti ħadet qies ta’ dak li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum dwar din it-talba għar-ritrattazzjoni;

**Konsiderazzjonijiet**

15. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta’ ritrattazzjoni. Patrick Spiteri qed jgħid li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu, 2022 imissha titħassar għaliex ingħatat fuq tħaddim ħażin tal-liġi u fuq żball ta’ fatt li joħroġ mill-atti tal-kawża;

16. Min-naħa tagħhom, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jibdew billi jwieġbu li din it-talba għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti għaliex skonthom ma tistax titressaq talba

għar-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Biex isaħħu din il-fehma tagħhom huma jagħmlu riferenza għal għadd ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali;

17. Billi din il-preġudizzjali tar-ritrattati tista' tmewwet it-talba ta' Patrick Spiteri, huwa xieraq li din il-Qorti tibda minnha;

18. Bħala introduzzjoni tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa u bla tiġbid jew analoġija (ara ***Mildred Ferando v. Loris Bianchi pro et noe***, Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 u ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et***, Appell Superjuri tat-12 ta' Marzu, 2019);

19. Sewwasew fil-każ tagħna, matul iż-żminijiet il-Qorti Kostituzzjonali tenniet f'aktar minn sentenza waħda, li skont il-liġi, mhuwiex possibbli li wieħed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Jidher li għalkemm kien hemm fil-passat is-sentenza ***Edward Ferro v. Segretarju tad-Djar*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Frar, 1977, fejn instemgħet talba għar-ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, jirriżulta però li l-ewwel darba li l-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond u bis-serjetà fuq din il-kwistjoni kienet fis-

sentenzi ***Joseph Galea nomine v. Onorevoli Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi*** u ***Carmel Cacopardo v. Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet***, mogħtija t-tnejn li huma fil-25 ta' Ġunju, 1986. Fihom ingħad li ma hemm l-ebda artikolu tal-liġi li jgħid li tista' ssir ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk ġie ddikjarat li l-proċedura li biha kienet qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni kienet waħda irritwali u nulla;

20. Din l-istess pożizzjoni ġiet ikkonfermata b'mod dirett mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi ***Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et*** tal-24 ta' Jannar, 1990 u ***Paul Stoner et v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** tat-28 ta' Ġunju, 1996; u b'mod indirett fis-sentenzi ***Perit Joseph Mallia v. Onor Prim Ministru et*** tal-15 ta' Marzu, 1996 u ***Victor Chetcuti v. L-Onor Prim Ministru et*** tas-26 ta' April, 1996, fejn fihom għal darb' oħra ġie mtenni li deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mhumiex suġġetti għall-proċeduri ta' ritrattazzjoni kif imsemmija fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**;

21. Interessanti li anke l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet qalet fis-sentenza ***Domenico Savio sive Savio Spiteri et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fl-20 ta' Frar, 2003, li r-ritrattazzjoni ma setgħetx issir lanqas minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha;

22. Ġara iżda li wara l-emendi li saru bl-**Att XXII tal-2005** u tal-**Att VII tal-2007**, l-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ġie jgħid li tista' ssir talba ta' ritrattazzjoni minn sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha;

23. Issa fis-sentenza ***Josephine Buġeja et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2010 qamet il-kwistjoni jekk fid-dawl ta' dawn l-emendi sarx possibbli li tintalab ir-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. It-tweġiba li tat il-Qorti Kostituzzjonali kienet li għalkemm bil-miġja ta' dawn l-emendi jirriżulta li llum hemm dritt ta' ritrattazzjoni anke minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, madankollu ma hemm l-ebda dritt ta' ritrattazzjoni minn deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dan għaliex fl-**Artikolu 811** kif emendat, ma saret l-ebda riferenza speċifika għal sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. F'din is-sentenza ngħad li l-leġislatur ma riedx jissoġġetta d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali għar-ritrattazzjoni bl-istess mod tas-sentenzi tal-awtoritajiet ġudizzjarji l-oħra. B'hekk il-konklużjoni milħuqa kienet li l-leġislatur ma pprovdiex għar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni minn deċiżjonijiet tal-imsemmija Qorti Kostituzzjonali;

24. Din il-fehma baqgħet ma tbiddlitx, anzi reġgħet ġiet imtennija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi ***A.I.Ċ. Joseph Barbara et v. L-Onor. Prim Ministru et*** tat-13 ta' Jannar, 2015, ***Sean Bradshaw et v. L-Avukat Ġenerali et*** tat-3 ta' Frar, 2016 u ***Valletta Freight Services Limited v. Direttur Qrati Civili u Tribunali et*** tas-27 ta' Ottubru, 2016. F'dawn is-sentenzi ġie ripetut li l-leġislatur intenzjonalment eskluda dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali għaliex għad li l-ġurisprudenza dwar dan il-punt kienet waħda ċara u konsistenti, il-leġislatur xorta waħda ma deherlux li kellu jniżżel fl-**Artikolu 811** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li dan ir-rimedju kellu jingħata wkoll fil-konfront ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali;

25. Biex jingħad kollox, kien hemm deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn talbiet għar-ritrattazzjoni ġew meqjusa u maqtugħa, madankollu f'dawn id-deċiżjonijiet ma ġiex diskuss il-punt dwar jekk setgħetx issir ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (ara *inter alia* ***H Vassallo & Sons Ltd v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru, 2012 u ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Alfred Camilleri*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Lulju, 2013). Kien fil-fatt għalhekk li fis-sentenza ***Alfred Camilleri v. Avukat Ġenerali*** deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2018, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li ma kien hemm l-ebda ksur ta' smigħ xieraq minħabba sentenzi kunfliġġenti, peress li fil-każijiet fejn instemgħu talbiet ta' ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti

Kostituzzjonali, qatt ma kienet tqajmet il-preġudizzjali dwar in-nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni;

26. Mill-banda l-oħra iżda, wara l-emendi tal-2005 u tal-2007, kull meta tqajmet formalment il-preġudizzjali dwar in-nullità tar-ritrattazzjoni, dina l-preġudizzjali dejjem ġiet milqugħa mill-Qorti Kostituzzjonali u r-rikors ta' ritrattazzjoni ma ġiex meqjus;

27. Sewwasew f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija qajmu l-preġudizzjali marbuta man-nuqqas ta' siwi tar-rikors ta' ritrattazzjoni mressaq minn Patrick Spiteri;

28. Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq miżmuma fil-11 ta' Ottubru, 2022, l-avukat ta' Patrick Spiteri saħaq li huwa ma jaqbilx ma' din il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, għaliex fil-fehma tiegħu l-liġi tippermetti li ssir ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Biex isaħħaħ dan l-argument tiegħu huwa jagħmel riferenza għall-**Artikoli 46** u **95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**;

29. Il-Qorti qrat aktar minn darba dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-**Kostituzzjoni** msemmija mill-avukat ta' Patrick Spiteri, madankollu hija mkien ma sabet fihom li tista' ssir ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalkemm dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jitkellmu dwar

x'tip ta' kawżi jistgħu jinstemgħu mill-Qorti Kostituzzjonali, dawn ma jsemmu xejn dwar ritrattazzjoni. Jiġi b'hekk, li dawn iż-żewġ artikoli ma jistgħu jkunu ta' ebda fejda għal Patrick Spiteri;

30. L-avukat ta' Patrick Spiteri semma wkoll waqt it-trattazzjoni orali tiegħu, li l-jedd ta' ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jiġi mislut mir-**regola 7** tar-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)**;

31. Anke hawn iżda huwa m'għandux raġun għaliex din ir-regola ma ssemmi xejn dwar ir-ritrattazzjoni ta' sentenzi. Mod ieħor, din ir-regola tgħid biss li d-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

32. Dak li huwa rilevanti għalhekk huwa biss x'jgħid il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq ir-ritrattazzjoni ta' kawżi. Dwar dan l-aspett, l-**Artikolu 811** jgħid li r-ritrattazzjoni ta' kawża tista' ssir biss minn kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew minn kawża deċiża b'sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha;

33. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel bi sħiħ ma' dawk is-sentenzi aktar 'il

fuq imsemmija, li jgħidu li l-leġislatur kellu l-opportunità sħiħa li jekk irid fl-emendi tal-2005 u tal-2007 isemmi speċifikament il-Qorti Kostituzzjonali fl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan iżda l-leġislatur m'għamlux u għalhekk din il-Qorti qiegħda tifhem li l-għażla tal-leġislatur li ma jipprovdix ir-rimedju tar-ritrattazzjoni minn sentenzi mogħtija minn din il-Qorti kienet waħda tabilħaqq maħsuba;

34. Din ir-rieda tal-leġislatur, li jħalli barra r-ritrattazzjoni ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, għadha hekk sal-lum għaliex minkejja n-numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan is-sens, il-leġislatur iddeċieda li jħalli l-liġi kif inhi;

35. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-għażla tal-leġislatur li jeskludi r-ritrattazzjoni ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali hija waħda raġunata. Dan għaliex jekk min ikun qiegħed jallega ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu ma jkunx qiegħed jaqbel mal-mod ta' kif il-Qorti Kostituzzjonali tkun qatgħet il-kawża tiegħu, dak li jkun m'għandux għalfejn idur għall-proċedura ta' ritrattazzjoni biex jipprova jbiddel dik is-sentenza, imma jekk irid huwa jista' jinqeda bir-rimedju tal-petizzjoni quddiem l-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, kif provdut taħt il-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** u mseddaq bl-**Artikolu 5 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

36. Matul it-trattazzjoni, ma tressaq l-ebda argument ieħor minn Patrick Spiteri li jwassal lil din il-Qorti tagħti fehma oħra dwar din il-kwistjoni. Hekk ukoll, ma nġiebet l-ebda raġuni tajba li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti titbiegħed mill-ġurisprudenza kostanti fuq imsemmija biex tħaddem ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ imqajjem minnha;

37. Għalkemm fis-sistema legali Maltija ma nħaddnux il-prinċipju tal-preċedent, b'danakollu huwa prinċipju sagrosant li *argumentum simili valet in lege*. Tassew il-ġustizzja, il-koerenza u ċ-ċertezza legali jeżiġu li kwistjonijiet analogi għandhom kemm jista' jkun jiġu trattati u deċiżi bl-istess mod. Kif b'mod mirqum ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Emanuel Portelli pro et noe et v. Estelle Azzopardi*** mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2014, *"F'sitwazzjonijiet fejn il-fatturi determinanti jixxiebħu jew huma identiċi, id-deċiżjoni għandha tkun l-istess, mhux għax qorti hija marbuta b'dak li tgħid qorti oħra iżda għax lill-istess mistoqsija għandha tingħata l-istess tweġiba";*

38. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti qiegħda ssib li l-preġudizzjali mqajma mill-Avukat Ġenerali u mill-Kummissarju tal-Pulizija dwar in-nuqqas ta' siwi tar-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Patrick Spiteri hija waħda tajba. U la qiegħda tintlaqa' dina l-preġudizzjali, il-Qorti tista' tieqaf hawn;

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-preġudizzjali mqajma mill-Avukat Ġenerali u mill-Kummissarju tal-Pulzija u b'hekk qiegħda tiddikjara li hija ma tistax tqis ir-rikors ta' Patrick Spiteri, billi skont il-liġi ma tistax issir ir-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

L-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu minn Patrick Spiteri ladarba kien hu li ressaq dan ir-rikors għalxejn.

Joseph R. Micallef
Aġent President

Tonio Mallia
Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm